VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,102, 11 ta' Diċembru, 2018
Taqsima B

A.L. 414 tal-2018

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Ordni tal-2018 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-Akkwist tat-Tieni Proprjetà Immobbli għal Skop ta' Residenza Unika (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 23 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru għall-Finanzi għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2018 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-Akkwist tat-Tieni Proprjetà Immobbli għal Skop ta' Residenza Unika (Emenda Nru 2), u dan l-Ordni għandu jinqara' u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq l-Akkwist tat-Tieni Proprjetà Immobbli għal Skop ta' Residenza Unika, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali". L.S. 364.17

Jemenda l-artikolu 6 tal-Ordni prinċipali.

2. L-artikolu 6 tal-Ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "l-31 ta' Diċembru 2018" tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "l-31 ta' Diċembru 2019"; u

(b) il-kliem "fi jew qabel it-28 ta' Frar 2019" tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fi jew qabel it-28 ta' Frar 2020".